GĦAL QBIL

# BEJN IX-XOGĦOL, IL-ĦILIET U T-TAĦRIĠ

**Il-ħtieġa li jkun hemm mekkaniżmi li permezz tagħhom jistgħu jiġu analizzati d-direzzjonijiet li qed jieħdu s-swieq tax-xogħol u allura li jistgħu jbassru x'ħiliet u x'taħriġ hemm bżonn hija waħda kontinwà**



minn Julian Micallef
Uffiċjal tal-MEUSAC

Hija materja ta' interess ġenerali - mill-istudenti fuq il-bank tal-iskola u l-ġenituri tagħhom, sal-ħaddiema li għad baqalhom ftit żmien għal pensjoni, u kull min qiegħed f'perjodi tal-ħajja bejniethom. Huwa wkoll ta' interess għal min qiegħed imexxi, min qiegħed iħaddem u min qiegħed joffri t-taħriġ.

Il-kwistjonijiet, għalkemm huma kkumplikati min-natura tagħhom, xorta waħda tajjeb li jiġu mifhuma. U forsi b'mod partikolari wkoll f'kuntest ekonomiku inqas stabbli fuq livell dinji u fost strutturi li issa jista' jkun li qed jiġu ppruvati forsi iktar minn żminijiet oħra.

Fost id-diversi miżuri li ddaħħlu fil-pakkett għal Pjan Ewropew biex l-ekonomiji jirkupraw, hemm ukoll xi wħud li fil-fatt għandhom jindirizzaw din is-sitwazzjoni. Il-kontinent Ewropew qiegħed jinbidel minn diversi bnadi – popolazzjoni dejjem iktar tikber fl-età, qed noperaw f'kuntest globalizzat, nużaw teknoloġiji ġodda u hemm enfasi ikbar fuq li jitnaqqas it-tniġġis. Dawn il-fatturi u ħafna oħrajn qed iwasslu biex it-tip ta' xogħol li hemm bżonn isir qiegħed jinbidel ħafna iktar malajr u għalhekk ifisser ukoll li l-ħiliet tal-ħaddiema jridu jinbidlu b'rata li tikkorrispondi.

Il-miżuri li qed taħseb biex tieħu l-Kummissjoni Ewropea huma maħsuba biex itejbu s-sorveljanza fuq is-swieq tax-xogħol u b'hekk il-bżonnijiet fiż-żmien qarib, medju u fit-tul jiġu identifikati.  Imma barra minn



dan, li jiġu żviluppati metodi li jqabblu aħjar il-ħiliet li hemm diġà. Fuq talba tal-Kunsill tal-Ministri biex tevalwa x'ħiliet hemm bżonn sal-2020, il-Kummissjoni diġà qed tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha. Kif hu mistenni, il-qasam tas-servizzi huwa dak li l-iktar se joħloq xogħol ġdid. Huwa maħsub li sal-2020, tlett kwarti mill-impjiegi f'ħamsa u għoxrin Stat Membru tal-UE (jiġifieri kollha barra l-Bulgarija u r-Rumanija) se jkunu fl-industrija tas-servizzi. Jidher ukoll li ħafna mix-xogħol maħluq se jkollu bżonn ħiliet għolja, u għalhekk iktar u iktar xogħlijiet se jitolbu livell medju jew għoli ta' edukazzjoni. Il-ħiliet li jidher li l-iktar se jkunu mfittxija huma dawk analitiċi, komunikazzjoni tajba u mmaniġġjar individwali, ħiliet lingwistiċi u dawk diġitali fost oħrajn.

Min jinteressah jidħol iktar fid-dettal tal-proposti li qed tagħmel il-Kummissjoni Ewropea jista' jagħmel dan permezz tas-sit elettroniku: http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=89&newsId=431&furtherNews=yes.